

(4) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, teżisti differenza bejn il-miżuri li t-trasportatur bl-ajru għandu jieħu sabiex jeżonera ruħu mill-obbligu ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament u dawk li għandu jieħu sabiex jeżonera ruħu mill-obbligu ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Montréal?

(<sup>1</sup>) Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li [...] jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (l-Italja) fit-2 ta' April 2012 — Alessandra Venturini vs A.S.L. Varese et**

(Kawża C-159/12)

(2012/C 157/07)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Alessandra Venturini

Konvenuti: A.S.L. Varese et

#### Domanda preliminari

Il-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment, ta' non-diskriminazzjoni u ta' protezzjoni tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 49 TFUE *et seq.* jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lil spiżjar, ikkwalifikat u rreġistrat mal-assoċjazzjoni professjonali rilevanti iżda li ma huwiex proprjetarju ta' negozju inkluż fil-pianta organica [mappa tal-ispiżeriji], milli jiddistribwixxi bl-imnut fil-para-spiżerija li tagħha huwa proprjetarju, anki dawk il-mediċini suġġetti għal riċetta medika fuq "riċetta bianca", jiġifieri mediċini li ma jiġux addebitati lis-Servizio Sanitario Nazionale u li jitħallsu kompletament miċ-ċittadin, u li tistabbilixxi anki f'dan il-qasam projbizzjoni ta' bejgħ ta' ċerti kategoriji ta' prodotti farmaċewtiċi u kwota numerika ta' negozji li jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju nazzjonali.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (l-Italja) fit-2 ta' April 2012 — Maria Rosa Gramegna vs A.S.L. Lodi et**

(Kawża C-160/12)

(2012/C 157/08)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Maria Rosa Gramegna

Konvenuti: A.S.L. Lodi et

#### Domanda preliminari

Il-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment, ta' non-diskriminazzjoni u ta' protezzjoni tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 49 TFUE *et seq.* jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lil spiżjar, ikkwalifikat u rreġistrat mal-assoċjazzjoni professjonali rilevanti iżda li ma huwiex proprjetarju ta' negozju inkluż fil-pianta organica [mappa tal-ispiżeriji], milli jiddistribwixxi bl-imnut fil-para-spiżerija li tagħha huwa proprjetarju, anki dawk il-mediċini suġġetti għal riċetta medika fuq "riċetta bianca", jiġifieri mediċini li ma jiġux addebitati lis-Servizio Sanitario Nazionale u li jitħallsu kompletament miċ-ċittadin, u li tistabbilixxi anki f'dan il-qasam projbizzjoni ta' bejgħ ta' ċerti kategoriji ta' prodotti farmaċewtiċi u kwota numerika ta' negozji li jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju nazzjonali.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (l-Italja) fit-2 ta' April 2012 — Anna Muzzio vs A.S.L. Pavia et**

(Kawża C-161/12)

(2012/C 157/09)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Anna Muzzio

Konvenuti: A.S.L. Pavia et